MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Rikors Numru. 166/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament**

**numru 195/14 fl-ismijiet :**

**Waterline Limited (C 5491)**

**vs**

**SJ Catering Limited u John Bugeja (ID 328766M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta’ Waterline Limited tas-19 ta’ Frar, 2014 li jaqra hekk:

*“Illi dan il-Mandat ta' Zgumbrament kien akkordat minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi meta l-Marixxall mar sabiex jinnotifika dan il-mandat lill-intimati fis-7 ta'Frar 2014,l-intimati rrirjutaw li jaccettaw l-att (ara d-dokument anness).*

*L-artikolu 187 tal-Kap. 12 jipprovdi illi :*

*"Izda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirciviha personalment minghand ufficcjal ezekuttiv tal-qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma'lill-ufficjal esekuttiv tal-qrati u tikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-incident, tiddikjara b’digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-hin tar-rifjut u tali digriet ghandu jitqies bhala prova tan-notifika ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi."*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-intimati SJ Catering Limited u John Bugeja gew debitament notifikati bil-Mandat ta' Zgumbrament odjern fis-7 ta' Frar 2014, dankollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.”*

Rat id-digriet taghha tas-19 ta’ Frar 2014 illi bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-Hamis 6 ta’ Marzu  2014 fil-10:45am.

Rat illi l-atti tar-rikors , digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda tal-Marixxall John Micallef u xhieda tal-Marixxall Mario Genuis, jirrizulta illi fis-7 ta' Frar 2014 huwa mar sabiex jinnotifika lil John Bugeja bl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament fl-indirizz Da Nikol, Triq Sant Antnin Bugibba. Hemmhekk huma sabu lil John Bugeja li ikkonferma illi kien Direttur ta' SJ Catering Limited. Bugeja rrifjuta li jaccetta n-notifika tal-Mandat 'l ghaliex SJ Catering ma toperax minn dak l-indirizz ta' Bugibba.

Illi skond l-Artikolu 187 (1) Kapitolu 12:

> ***"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun in-notifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f 'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f 'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha"***

Illi it-tieni proviso tal-Artikolu 187 (1) Kapitolu 12 jiddisponi:

> ***"Izda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirciviha personalment minghand ufficcjal ezekuttiv tal-qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma'lill-ufficjal esekuttiv tal-qrati u***

> ***tikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-incident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-hin tar-rifjut u tali digriet ghandu jitqies bhala prova tan-notifika ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi."***

Illi il-Qorti tqis, wara aprezzament tax-xhieda moghtija mill-Marixxall Micallef u l-Marixxall Genuis illi jirrizulta li John Bugeja, bhala Direttur ta' SJ Catering Limited u f'ismu proprio, gie debitament notifikat skond il-ligi, fis-7 ta' Frar 2014 bl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament 195/2014, mikejja r-rifjut tieghu li jacetta n-notifika illi saret debitament mill-Marixxalli Micallef u Genuis, u dan ai termini tal-Artikolu 187(1) u 187 (1) it-tieni proviso tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' it-talba tas-socjeta' rikorrenti Waterline Limited kif kontenuta fir-rikors datat 19 ta' Frar 2014.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moghti kameralment illum l-Gimgha 11 t'April 2014**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------